MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 651/2002

**Karl Abela**

**vs**

**Adrian Bartolo**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta' Ottubru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-istanti Lm2419.42c danni in segwitu ghall-incident stradali li sehh f'B'Kara fit-30 ta' Gunju,**

**tas-sena 2002 bejn Fiat Bravo numru KAR 177 misjuqa mill-attur u vettura KTD 777 misjuqa mill-konvenut prevja dikjarazzjoni li hu kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;**

**2. Bl-ispejjez komprizi LM23 ta' ittra ufficjali u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap 104 u <u>bl-imghax</u> minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-11 t'April tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, peress illi l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti ta' l-istess konvenut, izda sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolament tat-traffiku da parti ta' l-attur, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tal-4.00a.m. jew tal-5.00a.m. tat-30 ta’ Gunju tas-sena 2002 gewwa Triq Dun Karm, l-Imsida;**

**2. Illi f’dan l-incident kienu nvoluti l-vettura tal-marka Fiat Bravo bin-numru ta’ registrazzjoni KAR-177 misjuqa mill-attur Karl Abela u l-vettura ta’ istanza konsiderevoli bin-numru ta’ registrazzjoni KTD-777 misjuqa mill-konvenut Adrian Bartolo;**

**3. Illi jirrizulta li l-vettura ta’ l-attur kienet qed tigi misjuqa fil-karreggjata interna tat-Triq fuq indikata filwaqt li l-konvenut kien qed isuq fil-karreggjata esterna, biz-zewg vetturi jkunu misjuqa fl-istess direzzjoni;**

**4. Illi meta l-vetturi fuq indikati wasslu hdejn sqaq Sant’Andrija l-konvenut immanuvra mill-karreggjata esterna ghal fuq dik interna biex ikun jista’ jaccedi ghal imsemmi sqaq;**

**5. Illi ghalhekk sehhet il-kollizzjoni meritu ta’ din il-procedura;**

**6. Illi da parti tieghu l-konvenut isostni li hu kien qed isuq il-vettura tieghu fil-karreggjata interna, u qabel ma wasal biex jidhol fl-isqaq Sant’Andrija gia’ citat, xeghel l-“indicator” u meta anke ra li ma kienux gejjin vetturi ohra beda diehel fl-imsemmi sqaq bil-mod il-mod ghaliex dan huwa sqaq pjuttost dejjaq;**

**7. Illi l-konvenut isostni li meta kien qed jesegwixxi din il-manuvra gie l-attur, baqa' diehel fih u tefa' l-vettura ta' daqs pjuttost konsiderevoli tieghu kwazi fuq il-bankina, (ara fol 38);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ezami ta' l-iskizz prodott fl-atti ta' din il-procedura li bl-ebda mod ma gie ikkontestat mill-partijiet jissostanzja oggettivament il-versjoni tal-konvenut;**

**Illi jirrizulta li l-vettura tal-konvenut qalghet daqqa minn wara mill-vettura ta' l-attur meta l-istess vettura tal-konvenut kienet gia' bdiet il-manuvra taghha biex tidhol fl-isqaq fuq gia' indikat u ta' dan l-istess attur kellu vizwali tajba tal-manuvra de quo bil-konsegwenza li l-incident in dizamina seta' jigi facilment evitat mill-attur kieku agixxa prudentement;**

**Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici, takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------